MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Numru. 145/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Bahaa Abdul Ridha Sultan**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Bahaa Abdul Ridha Sultan** detentur tal-karta ta' l-identita' Iraqqina b'numru 655819;

Akkuzat talli fil-5 ta' Frar 2015 u/jew fil-granet ta' qabel f'Malta iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew dokument, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport jew dokument li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f'isem Al Akabi Bahaa Sultan (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta)

Kif ukoll nakkuzah talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta);

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Wara li rat l-artikoli 5 tal-Kap 65 u 189 tal-Kap 9;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha pjetuzi ta' dan il-kaz kif esposti mill-prosekuzzjoni u d-difiza in awla;

L-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal-terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkommetti rejat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien tmintax-il xahar mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza;

Stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja, l-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu ghand l-avukat generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------